# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2008
**DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv**

**IR-RABA' SENA** | **STUDJI SOĊJALI** | **ĦIN: Siegħa**

Isem ______________________________________________

Klassi ____________________

TOTAL TAL-MARKI ☐

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u l-klassi.
  TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.





**A (i) Nilbsu ħwejjeġ skond it-temp.**
**Kif inhu t-temp?**
**Ikteb il-kelma taħt l-istampa li taqbel.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| sħun | kiesaħ | bix-xita | xemxi |





_______________ _______________





_______________ _______________

**(4 marki)**

**A (ii) Ikteb VERU jew FALZ dwar tibdil li jseħħ madwarna.**

1. Il-vaganzi tal-Għid ingawduhom fil-ħarifa. ____________
2. Is-sena skolastika tibda fil-ħarifa. ____________
3. Fir-rebbiegħa jidlam kmieni u l-jum jibda jiqsar. ____________
4. Il-vaganzi tas-sajf huma itwal minn dawk tal-Milied. ____________
5. Fis-sajf il-lejl jitwal u jdum ma jisbaħ. ____________
6. Is-sena skolastika tispiċċa fix-xitwa. ____________

**(6 marki)**

**B (i) 1. Pinġi ċirku ◯ madwar it-tikka • li turi fejn tinsab il-belt ewlenija:**

**a) t'Għawdex**
**b) ta' Malta**

**2. Ikteb l-isem tal-belt fil-kaxxa t-tajba.**



a) Il-belt ewlenija t'Għawdex hi _______________.

b) Il-belt ewlenija ta' Malta hi _______________.

**(4 marki)**

**B (ii) Qabbel il-belt kapitali mal-pajjiż bi vleġġa.**
**Waħda lesta.**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Ruma** | **Ankara** | **Tuniż** | **Alġier** | **Tripli** | **Madrid** |




**(5 marki)**

**Ċ (i) Ħares sewwa lejn dawn l-istazzjonijiet ċentrali tat-trasport.**
**Ikteb l-isem it-tajjeb taħt kull stampa.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Venda | Ajruport | Freeport | Stazzjon tat-Tren |






______________________________ ______________________________






______________________________ ______________________________

**(4 marki)**

**Ċ (ii) Wieġeb.**





1. X'kulur jixgħel meta rrid nistenna biex naqsam? ______________

2. X'kulur jixgħel meta nkun nista' naqsam? ______________

**(2 marki)**

**Ċ (iii) Fit-toroq naraw strixxi bojod u suwed. Għalfejn qegħdin dawn?**

______________________________________________________________

**(marka)**

**Ċ (iv) Min jiġi fit-triq biex jagħti xi servizz? Ikteb ERBA' ħaddiema.**

1. ______________________ 2. ______________________

3. ______________________ 4. ______________________

**(4 marki)**

**Ċ (v) Imla l-vojt**

1. Fit-triq insibu d-dar tagħna u d-djar tal-_______________.

2. L-ismijiet tat-toroq ifakkruna fi _______________ mill-istorja u _______________ tal-lokalità.

**(3 marki)**

## D. Aqra

Fil-ħajja ta' kuljum aħna l-bnedmin inħossu l-bżonn li nikkomunikaw bejnietna. Meta nikkomunikaw tajjeb, niftiehmu aħjar. Aħna nikkomunikaw b'modi differenti.

**D (i) Kif tista' tikkomunika?**
**Ikteb il-mod ta' komunikazzjoni taħt l-istampa.**

| tibgħat email | bis-sinjali | tisma' aħbar | titkellem |
|---|---|---|---|



______________________



______________________



______________________



______________________

**(4 marki)**

**D (ii) Imla l-vojt.**

1. Waqt diskussjoni fi grupp għandi d-**dritt** li _______________ l-opinjoni tiegħi.

2. Waqt diskussjoni fi grupp għandi d-**dmir** li _______________ lill-oħrajn jitkellmu.

**(2 marki)**

**D (iii) Ikteb kif dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni jistgħu jressquna qrib nies li jgħixu f'artijiet oħra.**

It-telefon: ______________________________________________________________

Il-gazzetti: _____________________________________________________________

**(2 marki)**

**E. Dawn huma eżempji ta' xi passatempi.**







| | | | |
|---|---|---|---|
| il-kaċċa | it-tlielaq tal-karozzi | is-sajd | it-televixin |
| iż-żfin | il-logħob fuq il-kompjuter | iċ-ċinema | it-tiġrijiet taż-żwiemel |

**1. Mit-tabella ikteb l-ERBA' passatempi antiki li għadhom popolari sal-lum.**

a) ________________________________________

b) ________________________________________

ċ) ________________________________________

d) ________________________________________

**(4 marki)**

**2. Mit-tabella ikteb l-ERBA' passatempi moderni.**

a) ________________________________________

b) ________________________________________

ċ) ________________________________________

d) ________________________________________

**(4 marki)**

**F (i) Festi u Drawwiet**

**Qabbel id-DRAWWA mal-FESTA billi tikteb numru fil-kaxxa l-vojta.**

| | FESTA | | DRAWWA |
|---|---|---|---|
| 1 | il-Milied | | il-figolla |
| 2 | l-Għid | | il-ħarġa sal-Buskett |
| 3 | l-Imnarja | | il-qubbajt |
| 4 | Santa Marija | | il-presepju |

**(4 marki)**

**F (ii) Drawwiet oħra huma:**

1. Il-_____________________ bil-Bambin Ġesù mill-membri tal-M.U.S.E.U.M fi żmien il-Milied.
2. Il-_____________________ bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt fl-Għid.
3. L-_____________________ mad-daqq tal-kitarri fl-Imnarja.
4. Il-_____________________ tan-nar waqt il-festa ta' Santa Marija.

**(4 marki)**

**Ġ. Daħħal dan il-kliem fil-vojt fis-sentenzi dwar il-pajsaġġ.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| arja | xita | ħajja | algi | xagħri |
| kesħa | għolja | silġ | baxxa | ħamrija |

1. Deżert huwa post ________________. Ftit li xejn tinżel ________________ u għalhekk hemm ftit ________________.
2. F'deżert kiesaħ it-temperatura tkun ________________ ħafna u tkun ħafna ________________. Fix-xitwa jinżel ħafna ________________.
3. F'deżert sħun it-temperatura tkun ________________ matul il-jum imma bil-lejl l-________________ tiksaħ.
4. Fid-deżert insibu xi likeni u ________________ li jikbru fuq ________________ fqira.

**(10 marki)**

**G. Il-Miġja tal-Konti Ruġġieru f'Malta**

**G (i) Aqta' sing taħt il-kelma jew il-frażi t-TAJBA.**

1. In-Normanni ġejjin min-Normandija li tiġi fit-Tramuntana ta' (l-Italja, Franza, Spanja, Sqallija).

2. Wara l-miġja tal-Konti Ruġġieru, l-Għarab (baqgħu jgħixu fil-gżejjer Maltin, baqgħu jmexxu l-gżejjer Maltin, telqu mill-gżejjer Maltin, ħarbu lejn pajjiżhom).

3. In-Normanni reġgħu taw spinta (lill-kultura, lill-kummerċ, lis-saħħa, lis-swar).

4. In-Normanni żiedu l-kuntatti ma' (Ċipru, l-Ewropa, Rodi, l-Afrika).

**(4 marki)**

**G (ii) Wieġeb**

1. Liema kien it-twemmin tan-Normanni? ______________________

**(marka)**

2. X'sar il-Konti Ruġġieru wara li n-Normanni rebħu l-gżejjer Maltin?

______________________

**(marka)**

3. X'kien il-ftehim bejn l-Għarab u l-Konti Ruġġieru?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(2 marki)**

4. Għala n-Normanni ġew biex jieħdu lil Malta taħt idejhom?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(2 marki)**



**GĦ. Aqra s-sentenzi.**

**Imla l-vojt b'dawn il-kliem:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| rwol | soċjali | Ewropew | fehmiet |
| lingwi | familja | jiddiskutu | drawwiet |

Malta għandha nies li huma Membri tal-Parlament ________________.

Membru tal-parlament għandu ________________ importanti għax jirrappreżenta liċ-ċittadini ta' pajjiżu.



Fil-parlament, il-membri ________________ ħafna liġijiet.

Xi liġijiet huma dwar il-ħarsien ta' l-ambjent, is-saħħa u d-drittijiet tal-konsumatur.

L-Unjoni Ewropea ħolqot ambjent ________________ ġdid għall-gżejjer Maltin.

Il-gżejjer Maltin jagħmlu parti minn ________________ akbar fejn il-pajjiżi membri għandhom ________________, logħob, ________________ u ________________ differenti.




**(8 marki)**

**H. Ikteb ĦAMES sentenzi fuq WIEĦED minn dawn:**

1. Dun Mikiel Xerri
   **Ikteb dwar il-ġrajja tal-qlubija ta' dan il-qassis Malti li ta ħajtu għal art twelidu.**

2. Immaġina li inti s-Sindku ta' raħal jew ta' belt.
   **Ikteb dwar x'kont tagħmel biex iżżomm it-toroq tar-raħal jew tal-belt tiegħek indaf u sbieħ.**

3. Il-mergħa u l-foresta
   **Ikteb dwar il-pjanti li jikbru fil-mergħa u fil-foresta u kif dawn il-***habitats* **jaffettwaw il-ħajja fuq din id-dinja.**

____________________________________________________________________________

**(15-il marka)**

**TMIEM IL-KARTA**